MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2007

Mandat Numru. 1442/2007/1

**Rikors ghall-hrug ta’ Mandat ta’ Inibizzjoni Numru 1442/2007 fl-ismijiet:-**

**Henry u Maria Annunziata konjugi Depasquale (ID385944M) u (ID390348M).**

**vs.**

**Benedetta Meilak (ID289336M), Raymond (ID23860M), Herman (ID175361M) u Christopher (ID399162M) ahwa Meilak u Veronica Tabone bhala werrieta tal-mejjet Joseph Meilak (ID23638M).**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ghall-hrug ta’ Mandat ta’ Inibizzjoni tar-rikorrenti datat 22 ta’ Ottubru 2007.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti datat 28 ta' Settembru 2007 fejn giet milqugha t-talba provizzorjament u giet ordnata n-notifika ta' l-istess lill-kontro-parti b'ghaxart ijiem (10) zmien ghar-risposta, u r-rikors gie appuntat ghas-smiegh ghas-16 ta' Ottubru 2007.

Rat il-verbal tas-16 ta' Ottubru 2007 fejn il-kawza giet differita ghan-notifika tal-intimati ghal-25 t'Ottubru 2007.

Rat li l-intimat Herman Meilak biss gie notifikat u dan fl-24 t' Ottubru 2007.

Rat il-verbal tas-seduta tal-25 ta' Ottubru 2007 fejn deher ir-rikorrent assistit minn Dr David Camilleri. Ir-rikors gie pospost. Meta reggha ssejjah ir-rikors, ghalkemm kienu saru l-11:30am, ma deher hadd u ghalhekk il-Qorti ddifferiet ir-rikors ghal digriet kamerali.

Rat l-atti kollha relattivi.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din hija talba ghal hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni kontra l-intimati kollha fuq indikati, li pero' rrizulta li gie notifikat biss Herman Meilak u l-intimati l-ohrajn ma gewx notifikati, u ghalhekk minhabba li dan il-Mandat ghandu jigi degretat fi zmien 30 gurnata mid-data tal-prezentata tieghu, u peress li l-maggoranza ta' l-intimati baqghu fl-istess terminu mhux notifikati, din il-Qorti tichad it-talba tar-rikorrenti.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi tichad it-talba tar-rikorrenti fir-rikors taghhom datat 28 ta' Settembru 2007 u tirrevoka *contrario imperio* d-digriet taghha provizzorju tat-28 ta' Settembru 2007.

Bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

**Degretat.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------